MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 13/2007

Maltacom plc u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2007 l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal GO plc

vs

Franco Galea

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm678.92) dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21550095 (A/C no. 10226978), skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien mal-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali mibghuta fi f'Jannar 2007, u tal-VAT fuq id-drittijiet

professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk :

"Id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u l-eccipjenti m'ghandu jhallas xejn minn dak mitlub;

Illi l-eccipjenti talab kemm -il darba kont dettaljat lis-socjeta' attrici, liema kont huwa qatt ma nghata;

Illi t-telefonati *de quo* ma sarux mill-eccipjenti.

Ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama' is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri  tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2007, il-konvenut mhuwiex jikkontesta il-kont bhala valur, u lanqas li kien hemm ftehim dwar l-ghoti tal-istess servizz telefoniku bin-numru  21550095 bejn l-istess konvenut u s-socjeta' attrici a bazi ta' skrittura privata datata 17 ta' Lulju 2001, li fil-fatt giet iffirmata mill-konvenut kif jidher minn Dok. "EC1" a fol. 10 tal-process, izda allega, u fil-fatt eccepixxa, li tali ammonti ma humiex dovuti minnu stante li dak iz-zmien li saru t-telefonati, fil-fond imsemmi fl-istess skrittura privata kienet tghix mieghu martu li llum huma *de facto* separati minn xulxin, u li kienet taghmel it-telefonati barra minn Malta lil xi qraba u hbieb ohra taghha minn wara daharu u bil-mohbi tieghu.

Illi jigi rilevat li t-talba attrici kif indirizzata fil-konfront tal-konvenut tinsab ippruvati stante li l-iskrittura privata datata

17 ta’ Lulju 2001, fejn saret l-applikazzjoni ghall-tali servizz mill-konvenut fil-fond Flat 4, Triq L-Isqof Guzeppi Pace, Marsalforn, Ghawdex, giet debitament iffirmata minnu, kif jidher minn Dok. “EC1” a fol. 10 tal-process. Illi jinghad ukoll li r-rendikont ta’ telefonati li saru bejn il-perjodu milll-1 ta’ Novembru 2004 sal-4 ta’ Frar 2006, u l-ammonti hemm indikati, kollha relativi ghat-telefon numru 21550095 ma gewx ikkontestati mill-konvenut, u ghalhekk jirrizulta li huma dovuti mill-konvenut, bhala l-persuna li skond l-istess ftehim kellu relazzjoni kuntrattwali mal-istess socjeta’ attrici, u dan anke a bazi tal-artikolu 20 tar-Regolamenti ta’ l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon. (A.L.47 ta’ l-1972).

Illi jinghad ukoll li ghalkemm il-konvenut qed jallega li l-istess linja giet uzata minn martu biex ghamlet telefonati barra minn Malta, liema telefonati, skond il-konvenut, martu ghamlithom minn wara daharu u bla ma kien ikun jaf hu, anke kieku dan ikollu jittiehed bhala minnu, xorta jibqa’ l-fatt li huwa dejjem baqa’ l-persuna li kellha relazzjoni mas-socjeta’ attrici dwar l-istess servizz skond il-ftehim fuq indikat. Kif gie stabbilit fis-sentenza **“Maltacom p.l.c. vs Anne Micallef”** (Prim’Awla, 13 ta’ Jannar 2000) fejn inghad:-

*“Illi dwar l-ilmenti li l-‘calls’ in ezami saru minn terza persuna, dan ma ghandu ebda rilevanza ghall-kawza odjerna, di fronte ghas-socjeta’ attrici, ghaliex ir-relazzjoni tas-socjeta’ attrici kienet u dejjem baqghet mal-istess konvenuta, u ghalhekk anke f’dan ir-rigward l-eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda”.*

Illi dan huwa wkoll konformi mal-fatt li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut, u ghalhekk l-unika kundanna li jista’ jkun hemm f’din il-kawza hija propju a bazi ta’ tali ftehim [Prim’Awla, **Maltacom p.l.c. vs C.P.L. Developments Limited et**, 26 ta’ April 2001].

Jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-

socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm678.92) ekwivalenti ghal elf hames mija u wiehed u tmenin Euros u sitta u erbghin centesimi (Euros 1581.46), dovuta lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21550095 (A/C 10226978), bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b’effett mill-prezentata tal-Avviz tat-talba sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici u tal-ittra ufficjali ta’ 31 ta’ Jannar 2007 (Ittra numru 67/2007), inkluza l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat tas-socjeta’ attrici, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------